

Brussell, 11 ta' Novembru 2020  
(OR. en)

12695/1/20  
REV 1

AGRI 405  
ENV 690  
FORETS 40  
PROCIV 71  
JUR 509  
DEVTEN 162  
RELEX 867  
UD 332  
PROBA 40  
FAO 30

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 10 ta' Novembru 2020

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 12370/20

---

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Perspettivi għall-politiki tal-UE relatati mal-foresti u l-istrateġija tal-UE għall-foresti għal wara l-2020  
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (10 ta' Novembru 2020)

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Perspettivi għall-politiki tal-UE relatati mal-foresti u l-istrateġija tal-UE għall-foresti għal wara l-2020, approvati permezz ta' proċedura bil-miktub mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-10 ta' Novembru 2020.

## KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

### dwar Perspettivi għall-politiki tal-UE relatati mal-foresti u l-istrateġija tal-UE għall-foresti għal wara l-2020

#### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. **FILWAQT LI JFAKKAR** fl-aħħar diskussjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija tal-UE għall-foresti għal wara l-2020, fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' April 2019<sup>1</sup> u fl-iskambju ta' fehmiet tal-Ministri fil-Kunsill AGRIFISH tal-14 ta' Ottubru 2019 li jenfasizzaw il-ħtieġa għal strateġija msaħħa tal-UE għall-foresti għal wara l-2020<sup>2</sup>;
2. **FILWAQT LI JISSOTTOLINJA** l-impenji internazzjonali tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha għall-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, il-Ftehim ta' Pariġi, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD), il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) u l-Pjan Strateġiku tan-NU dwar il-Foresti bl-Għanijiet Globali dwar il-Foresti bħala qafas globali għall-politiki relatati mal-foresti;
3. **FILWAQT LI JKOMPLI JISSOTTOLINJA** r-rilevanza tal-Politika Agrikola Komuni għal wara l-2020, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, il-Komunikazzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja kif ukoll il-qafas globali mistenni għall-bijodiversità li għandu jiġi adottat fil-COP15 tal-KDB bħala kuntest li qed jevolvi għall-politiki tal-UE relatati mal-foresti;
4. **FILWAQT LI JIRRIKONOXXI** l-prinċipji, ir-risoluzzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-proċess ministerjali FOREST EUROPE kif ukoll il-ħidma kontinwa tiegħu fuq id-definizzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;

---

<sup>1</sup> 8609/19

<sup>2</sup> 12921/19

5. **FILWAQT LI JFAKKAR** fis-sejbiet tar-Rapport Speċjali tal-IPCC dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Art u l-Valutazzjoni Globali tal-IPBES dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi tal-Ekosistema;

## **URĠENZA u PRINĊIPJI EWLENIN**

6. **ITENNI l-APPELL tiegħu LILL-Kummissjoni** biex ikunu żgurati l-konsistenza u l-koerenza tal-politiki tal-UE relatati mal-foresti għal wara l-2020 u, b'mod urġenti, il-ħtieġa għal Strateġija tal-UE għall-Foresti ġdida, ibbilanċjata u msaħħa għal wara l-2020, żviluppata flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, li tappoġġa u tikkomplementa l-politika dwar il-foresti fil-livell nazzjonali u subnazzjonali, u **JISĦAQ FUQ**:
- a) l-importanza tal-kontribut ta' foresti, ekosistemi tal-foresti u s-setturi bbażati fuq il-foresti b'saħħithom u reżiljenti, għall-kisba f'waqtha tal-SDGs, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
  - b) l-appoġġ kontinwu għal approċċ olistiku, li jindirizza b'mod bilanċjat it-tliet dimensjonijiet tas-sostenibbiltà, u jqis id-diversità u l-karatteristiċi differenti tal-foresti Ewropej fid-dimensjonijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali tagħhom kif ukoll il-kumplessità tax-xejriet tas-sjieda;
  - c) il-ħtieġa li jiġu żviluppati flimkien mal-Istati Membri viżjoni, objettivi u orjentazzjonijiet strateġiċi ċari, kif ukoll pjan ta' azzjoni konkret, għall-foresti tal-UE lil hinn mill-2020 u qafas ta' rieżami robust, biex jiġu segwiti l-implimentazzjoni u l-progress tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti, li jibni fuq data u informazzjoni nazzjonali, filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi addizzjonali bla bżonn;

- d) il-ħtieġa li tiġi indirizzata b'mod strateġiku ż-żieda fil-frammentazzjoni tal-politiki tal-UE relatati mal-foresti u li jittejbu l-koordinazzjoni u l-koerenza tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, l-Istrateġija tal-UE Mill-Għalqa sal-Platt, l-Istrateġija ta' Adattament tal-UE imminenti, il-qafas tal-UE dwar il-Klima u l-Enerġija u l-Liġi dwar il-Klima tal-UE imminenti, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bioekonomija, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, it-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli u ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħat-tliet Konvenzjonijiet ta' Rio u l-Pjan Strateġiku tan-NU dwar il-Foresti, kif ukoll dik tal-pożizzjonijiet tal-UE relatati mal-foresti fi proċessi internazzjonali;
- e) l-importanza tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u r-rwol multifunzjonali tal-foresti, kif definit u maqbul mill-UE u l-Istati Membri tagħha b'mod partikolari fil-qafas tar-Riżoluzzjonijiet H1 u L1 ta' FOREST EUROPE, bħala prinċipji gwida ġenerali kontinwi;
- f) il-firxa wiesgħa ta' għarfien espert u strumenti disponibbli fis-settur privat u pubbliku tal-foresti u l-organizzazzjonijiet ta' riċerka tal-Istati Membri tal-UE biex jitmexxew 'il quddiem il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u r-rwol multifunzjonali tal-foresti;
- g) il-fatt li, għalkemm l-UE għandha diversi politiki relatati mal-foresti, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE ma jagħmel ebda referenza għal politika komuni tal-UE dwar il-foresti, li r-responsabilità għall-foresti taqa' f'idejn l-Istati Membri u li d-deċiżjonijiet u l-politiki kollha fl-UE relatati mal-foresti għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-kompetenza tal-Istati Membri f'dan il-qasam;
- h) ir-rwol importanti tal-Kumitat Forestrarju Permanenti kif ukoll tal-Grupp ta' Djalogu Ċivili dwar il-Forestrija u s-Sufra, bħala l-fora ewlenin għall-iskambju ta' informazzjoni u l-għoti ta' opinjonijiet, pariri u għarfien espert lill-Kummissjoni dwar id-diversi politiki u inizjattivi rilevanti għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti u l-ħtieġa li tiġi promossa aktar l-interazzjoni bejn dawn iż-żewġ gruppi konsultattivi u gruppi konsultattivi oħra;

## PROPOSTI GĦAL AZZJONIJIET IMSAĦĦA U AMBIZZJUŻI

7. Bil-ħsieb li tissaħħaħ l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għal wara l-2020 u politiki tal-UE relatati mal-foresti f'termini tal-impatt tagħhom, b'mod li jkunu komplementari u ta' appoġġ għall-politiki proprji tal-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward taż-żamma, il-promozzjoni ulterjuri u t-tiżiħ tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż il-protezzjoni, ir-restawr, l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni, **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tqis l-aspetti konkreti li ġejjin:
- a) **TIKKUNSIDRA** l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli bħala l-qafas ta' gwida ġenerali għall-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għal wara l-2020, f'konformità mal-Pjan Strateġiku tan-NU dwar il-Foresti, sabiex **JIĠU PROMOSSI** u **KKOMUNIKATI** aħjar ir-rwol multifunzjonali tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti bħala soluzzjoni bbażata fuq in-natura għal għadd ta' kontributi għal diversi strateġiji oħra tal-UE kif ukoll politiki u azzjonijiet marbuta mas-sostenibbiltà, biex b'hekk jiġi appoġġat ukoll id-djalogu mas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati b'rabta mal-foresti, filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa lid-diversi dibattiti dwar il-foresti u l-forestrija li qed iseħħu fis-soċjetà u jingħata kontribut għar-rwol ta' mexxej tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030;
- b) **TQIS** il-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala qafas ta' politika ġdid fil-livell tal-UE u l-oġettivi relatati mal-foresti kif stabbiliti fl-istrateġiji rilevanti tal-UE bħall-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità meta tiżviluppa l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti u l-ħtieġa li l-Kummissjoni tipprovdi valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa għal kwalunkwe strument relatat mal-foresti li l-Kummissjoni tista' tressaq, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet;

c) **TIŻGURA** l-koerenza fil-kwistjonijiet kollha relatati mal-foresti fil-livell tal-UE filwaqt li **TINDIRIZZA** b'mod partikolari s-suġġetti urġenti li ġejjin:

- i. **IT-TISĦIĦ** tar-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-foresti Ewropej eżistenti u dawk stabbiliti addizzjonalment, permezz tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-approċċ multifunzjonali tagħha u msejsa fuq riċerka u għarfien sodi, evidenza u monitoraġġ, inkluż dwar il-varjazzjoni ġenetika, biex b'hekk jitnaqqsu r-riskji u l-effetti fuq skala kbira ta' disturbi bijotiċi u abijotiċi aggravati mit-tibdil fil-klima u l-abbandun tal-art, speċifikament iż-żamma tal-potenzjal tagħhom ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ż-żieda f'dan il-potenzjal u li jiġi rifless l-impatt tad-danni attwali għall-foresti lejn l-oġettivi klimatiċi tal-UE;
- ii. **IL-PROMOZZJONI** u **T-TISĦIĦ** tal-kontribut tal-foresti u tas-settur ibbażat fuq il-foresti għall-ekonomija ekoloġika u ċirkolari fl-UE kollha, li jwassal għal infrastruttura ekonomika aktar ekoloġika, prodotti u teknoloġiji innovattivi, għajxien ibbażat fuq il-foresti, impjiegi ekoloġiċi deċenti u żoni rurali vijabbli kif ukoll għal mitigazzjoni msaħħa tat-tibdil fil-klima permezz tal-użu tal-injam minn sorsi sostenibbli u rinnovabbli;

- iii. **IŻ-ŻAMMA** u **T-TIŠIĦ** tal-bijodiversità tal-foresti u s-servizz tal-ekosistema, msejsa b'mod koerenti fuq l-oġġettivi relatati mal-foresti tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, u fost oħrajn fuq in-network "INTEGRATE" bħala eżempju tajjeb ta' inizjattiva mmexxija mill-Istati Membri, appoġġata mill-Kumitat Forestrarju Permanenti, sabiex tissaħħaħ il-ħidma kollaborattiva u transkonfinali, ir-riċerka u l-kondiviżjoni tal-ġharfien dwar l-integrazzjoni msaħħa tal-konservazzjoni tan-natura fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u biex jiġu żviluppati strumenti innovattivi bħal skemi b'bażi xjentifika għal pagamenti għas-servizzi tal-ekosistema, inkluż f'sinerġija mal-oġġettivi marbuta mat-tibdil fil-klima, u mezzi biex tiġi promossa l-forestrija qrib in-natura.
- d) **L-ISSOTTOLINJAR** tar-rilevanza tal-miżuri forestali għall-iżvilupp rurali tal-Politika Agrikola Komuni biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż iż-żamma u t-tiħiħ tal-bijodiversità tal-foresti u s-servizzi tal-ekosistema, kif ukoll ir-rilevanza ta' kwalunkwe strument finanzjarju ieħor tal-UE possibbli, li jnaqqas il-piż amministrattiv fil-miżuri forestali u fl-għajjuna mill-Istat b'mod ġenerali, **BIEX TIĠI STABBILITA** pjattaforma għal skambju regolari u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, eż. fil-qafas tal-Kumitat Forestrarju Permanenti, fost il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati dwar l-aħjar prattiki u soluzzjonijiet innovattivi biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-miżuri forestali u tkun iffaċilitata l-utilizzazzjoni tal-finanzjament disponibbli;

- e) **REAZZJONI GĦALL**-isfida dejjem tikber biex tintwera, tiġi kkomunikata u żviluppata aktar is-sostenibbiltà tas-settur tal-foresti u **ENFASI FUQ** ir-rilevanza ta' mekkaniżmi kosteffettivi biex jintwerew il-potenzjal u l-benefiċċji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, filwaqt li jsir l-aħjar użu possibbli tad-definizzjoni ta' **FOREST EUROPE**, il-kriterji u l-indikaturi pan-Ewropej, il-linji gwida pan-Ewropej fil-livell operattiv dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u ta' data forestali nazzjonali, u jekk possibbli l-bini fuq Programmi Nazzjonali għall-Foresti jew strateġiji rilevanti oħra, **GĦALL-IŻVILUPP** f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, ta' alternattivi biex jiġi stabbilit mekkaniżmu volontarju, simili għall-Kontributi Volontarji Nazzjonali skont il-UNFF, li għandu jintuża fil-qafas tal-Istrateġija għall-Foresti l-ġdida biex tissaħħaħ il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar politiki u azzjonijiet eżistenti tal-Istati Membri tal-UE dwar aspetti speċifiċi tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, b'hekk jingħata kontribut għal aktar trasparenza, sensibilizzazzjoni akbar u bażi ta' informazzjoni aħjar fil-livell tal-UE.
- f) Fid-dawl tal-impenji internazzjonali u tal-kontributi tal-UE u l-Istati Membri tagħha biex jiżdiedu ż-żoni forestali madwar id-dinja u titwaqqaf id-deforestazzjoni, issir prevenzjoni tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u n-negozju marbut ma' dan u għall-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż il-protezzjoni, ir-restawr, l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni u l-katini tal-provvista sostenibbli tal-prodotti bażiċi agrikoli mingħajr ma tkun involuta d-deforestazzjoni, kif ukoll miżuri ppjanati fis-segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill relatati ma' dan<sup>3</sup>, **BIEX JITFITTXU** sinerġiji u tinkiseb l-akbar koerenza possibbli fost dawn l-azzjonijiet u l-istrateġija tal-UE għall-Foresti għal wara l-2020, sabiex immexxu bl-eżempju u noffru kooperazzjoni tajba.

---

<sup>3</sup> 15151/19